FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001

**Avviz Nru: 503/01 PM**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Silvio Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (LM299.13c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut min Silvio Catania skond *Client Number* 12465 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici bejn Frar 2001 u Mejju 2001.

Ra li rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont hu dovut.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat izda naqas li jipprezenta risposta jew jikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**